IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.7.2025
COM(2025) 436 final

ANNEX

ANNESS

tar-

Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2059 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, rigward l-emendar ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll II għall-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

ANNESS

Emenda tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim ta' Shubija bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, rigward l-emendar ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll II dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2059 tas-7 ta' Diċembru 2020 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-ħdax-il laqgħa tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku*"

Fl-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ, in-numerazzjoni tad-deċiżjoni hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Id-Deċiżjoni Nru .../2026*"

Fl-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ, il-premessa 3(i) hija sostitwita b'dan li ġej:

"*(i) li jitħassru d-dispożizzjonijiet li ġejjin, li ma għadhomx applikabbli:*

– *Il-paragrafu 7 tal-Artikolu 3;*

– *Anness XII;*"

Fl-Anness tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ, l-Artikolu 4 bis u l-Anness VIII bis jiddaħħlu mill-ġdid fl-indiċi kif ġej:

"*[...]*

TITOLU II

DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' PRODOTTI ORIĠINARJI

Artikoli

[...]

4 bis. Akkumulazzjoni ma' pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw.

[...]

ANNESSI

[...]

ANNESS VIII bis tal-PROTOKOLL II: Pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw"

Fl-Anness tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ, l-Artikolu 4 bis jiddaħħal mill-ġdid kif ġej:

"*Artikolu 4 bis*

Akkumulazzjoni ma' pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw

1. *Wara talba tal-Istati tal-Paċifiku u skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 41(2), materjali li joriġinaw f'pajjiż ġar li qed jiżviluppa, li mhuwiex Stat tal-AKP, li jappartjeni għal entità ġeografika koerenti, li lista tagħhom tinsab fl-Anness VIII, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala materjali li joriġinaw fi Stat tal-Paċifiku meta jkunu inkorporati fi prodott miksub hemmhekk. Ma jkunx meħtieġ li tali materjali jkunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar suffiċjenti, dment li:*

   (a) *il-ħidma jew l-ipproċessar li jkun sar fl-Istat tal-Paċifiku jaqbeż l-operazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 7;*

   (b) *l-Istati tal-Paċifiku, il-Komunità Ewropea u l-pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw ikkonċernati jkunu kkonkludew ftehim dwar proċeduri amministrattivi ta' kooperazzjoni adegwati li jiżguraw l-implimentazzjoni korretta ta' dan il-paragrafu.*

2. *L-akkumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu m'għandhiex tkun applikabbli għall-prodotti li għandhom jiġu elenkati b'deċiżjoni tal-Kumitat Speċjali dwar il-Kooperazzjoni Doganali u r-Regoli ta' Oriġini.*

3. *Għall-fini li jiġi determinat jekk il-prodotti joriġinawx fil-pajjiż ġar li qed jiżviluppa kif definit fl-Anness VIII bis, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.*"

Fl-Anness tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ, l-Anness VIII bis jiddaħħal mill-ġdid kif ġej:

ANNESS VIII bis tal-Protokoll II

PAJJIŻI ĠIRIEN LI QED JIŻVILUPPAW

Il-Partijiet qablu li, għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4 bis tal-Protokoll II, għandha tapplika d-definizzjoni li ġejja:

- *L-espressjoni "pajjiż ġar li qed jiżviluppa jappartjeni għal entità ġeografika koerenti" għandha tirreferi għal-lista li ġejja ta' pajjiżi:*"